TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 70/13-F

**Sharon Sammut**

**vs**

**Joe Attard – Anfield Garage**

Illum 23 ta' Ottubru, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-20 ta' Marzu, 2013 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' sebgħin ewro (€70), rappreżentanti depożitu għal trasport skolastiku għat-tifel.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet ħallset disgħin ewro (€90) bħala depożitu għat-trasport skolastiku għat-tifel. Illi kienu jaslu tard ħafna u dan kien inkonvenjent kbir u għalhekk kellhom isibu mezz ieħor ta' trasport, u għaldaqstant talbu rifużjoni tad-depożitu, liema rifużjoni l-intimat baqa' ma ħallasx.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota illi l-intimat debitament notifikat u msejjaħ tliet darbiet ma deherx għas-seduta, u dan minkejja li kien notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smigħ. Kif ukoll it-Tribunal, jinnota illi l-intimat ma ssottomettiex risposta bil-miktub.

It-Tribunal, qed jemmen il-verżjoni tar-rikorrenti u qed jagħti importanza anke għall-fatt illi t-talba ma ġietx ikkontestata mill-intimat.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas is-somma ta' sebgħin ewro (€70), u bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

It-Tribunal ma jistax jikkummenta dwar it-telf ta' ħin illi intimati bħal dawn qed iġarrbu lit-Tribunal, illi lanqas jindenjaw ruħhom jattendu u jissottomettu risposta.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888